# IDEJN MIFTUĦIN BERAĦ

Prayer Spaces in Schools Malta

Tiftakar l-ewwel ġurnata tiegħek tal-iskola, l-ewwel darba li mort għal-lezzjonijiet taż-żfin jew l-ewwel darba li mort il-klabb tal-futbol? Li tħossok barrani mhux sabiħ, għalhekk ma tinsa' qatt lil dik l-għalliema li laqgħatek bi ħlewwa jew dak il-kowċ li kien ferħan bik. Min jaf kemm xtaqt li t-tfal l-oħra jilqgħuk ukoll! Madwarna niltaqgħu ma' ħafna nies li nqisuhom bħala barranin fosthom l-immigranti, nies u tfal oħra li għadna qatt ma ltqajna magħhom u nies li għalkemm naraw ta' spiss imma qatt ma ftaħna qalbna għalihom jew ħsibna li nagħtuhom spazju biex insiru nafuhom, għalhekk għadhom daqs li kieku barranin għalina.

- **Ħu ftit ħin biex taħseb f'xi barranin li inti tista' tilqa' iktar. Jista' jkun xi ħadd fl-iskola jew fejn toqgħod.**
- **Ikteb l-ismijiet ta' dawk li ħsibt fihom fuq il-mudell ipprovdut.**
- **Wara li tgħaqqad flimkien l-idejn biex tifforma bħal tgħannieqa kbira, itlob lil Alla biex jgħinek tilqa' lil kulħadd bi kliem u azzjonijiet twajba.**